**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 53 / 2020**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**John Attard**

Illum 20 ta' Novembru, 2020.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant John Attard detentur tal-karta tal-identità numru 54762G, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar il-21 ta' Jannar, 2017, ghall-habta ta' 10:20 ta' filghodu, gewwa Triq ir-Ramla, Nadur, Ghawdex, u / jew fil-vicinanzi:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Josephine Cachia;
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hedded bil-fomm u b'mezzi ohra lill-istess Josephine Cachia b'delitt, fejn flimkien ma' dan it-theddid kien hemm ordni jew kondizzjoni;
3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-bon ordni u l-kwiet tal-pubbbliku, b'ghajjat u glied.

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mil-ligi, jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' Josephine Cachia u terzi persuni sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli

ghar-reat, torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar id-19 ta' Frar 2020, fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputat hati tat-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjoni u minnhom illiberatu u wara li rat Artikoli 214, 215 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat John Attard hati tal-ewwel (1) imputazzjoni, u cioè ta' offiza ta' natura gravi fuq il-persuna tal-kwerelanta Cachia u, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti lliberat lill-imputat John Attard bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tnax (12)-il xahar mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' libertà kundizzjonata.

Il-Qorti fakkret li hi ma tistax tiehu post jew tissostitwixxi l-Qorti Civili kompetenti jew taghti rimedji ta' natura civili li mhumiex previsti mill-Kodici Kriminali bhala li jistghu jigu emanati minn Qorti ta' Gudikatura Kriminali u theggeg lill-partijiet biex kull kwistjoni legali li tista' hemm bejniethom tkun solvuta civilment minghajr il-bzonn ta' tensjoni bla bzonn li tispicca tohloq iktar piki u incidenti bla bzonn.

In oltre, il-Qorti wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, rabtet lill-hati b'garanzija personali ta' elfejn Euro (€2,000) ghal zmien sena millum fil-konfront tal-kwerelanta.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant John Attard, ipprezentat fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-5 ta' Marzu 2020, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha filwaqt li **tikkonferma** l-parti tad-decizjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti fejn illiberat lill-imputat mit-tieni (2) u mit-tielet (3) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, **tirrevoka, tannulla u thassar** il-parti tad-deċiżjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti fejn sabet lill-imputat hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba kontra tieghu, u tillibera lill-appellant mill-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravji tal-appellant John Attard huma s-segwenti u cioè:-

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti fil-korp tas-sentenza taghha tindika testwalment:

*"Illi fil-kaz in ezami m'ghandu jkun hemm l-ebda dupju li l-imputat kellu l-intenzjoni li jaghmel hsara lil Josephine Cachia minhabba s-sitwazzjoni li spicca fiha";*

Illi bid-dovut rispett, l-appellant jissottometti li minn imkien ma jista' b'xi mod jirrizulta li kien hemm xi ness bejn l-allegata ferita fuq il-persuna tal-kwerelanta u l-imputat. Wisq anqas ghalhekk jista' jinstab li kien hemm xi prova tal-intenzjoni fil-persuna tal-imputat;

Interessanti wkoll illi l-Ewwel Onorabbli Qorti tasal ghal din il-konkluzjoni taghha mill-konfuzjoni tax-xhieda tal-kwerelanta, tas-sieheb taghha u tal-imputat. Dan qieghed jinghad peress illi l-kumplament tax-xhieda l-ohra huma totalment estranei ghall-kaz u l-fatti specje tieghu. Infatti, ix-xhieda l-ohra huma t-tobba, l-Ufficcjali tal-Pulizija u l-espert mqabbad mill-Qorti;

Illi ghalhekk, l-appellant jimmeravilja ruhu, kif qatt l-Ewwel Onorabbli Qorti tista' tasal ghal-sejbien ta' htija fil-persuna tal-imputat mix-xhieda tal-imputat jew tal-parte civile biss. Dan aktar u aktar meta l-Ewwel Onorabbli Qorti fil-korp tas-sentenza tghid li l-appellant kellu l-intenzjoni li jaghmel dan. Ma jirrizulta minn imkien fl-ebda xhieda li l-appellant seta' kellu l-intenzjoni li tissemma'. Huwa minnu li jezistu cirkostanzi, pero' fid-dottrina gurisprudenzjali taghna, a differenza ta' gurisprudenzi ohra, il-motiv mhux element necessarju u kostituttiv ghas-sejbien ta' htija. Jinghad ukoll li din l-intenzjoni ma giet imfissra fl-ebda prova migjuba quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti u ghalhekk konsegwentement ma setghetx l-Ewwel Onorabbli Qorti tasal ghal sejbien ta' htija;

Illi dan kollu qieghed jinghad anke tenut kont tal-fatt illi l-uniku xhud in sostenn tal-versjoni tal-kwerelanta kien propju s-sieheb taghha u cioe' Anthony Muscat.

Illi jigi sottolineat illi minkejja li l-parte civile giet sottoposta ghal hames (5) visti medici, ma jirriizultax li fil-process gew pprezentati xi dokumentazzjonijiet biex isostnu l-allegati griehi hekk kif allegati mill-parte civile.

Fil-fatt ir-rapporti tal-esperti medici jibbazaw ruhhom biss fuq dak li qalet u rraportat lit-tobba l-parte civile Josephine Cachia. Illi ghalhekk ma giet ipprezentata l-ebda evidenza li fil-verita' l-griehi lamentati mill-parte civile fil-fatt gew ikkagunati mill-appellant. Jekk xejn, kien jispetta li tkun il-Prosekuzzjoni li ggib il-provi kollha necessarji kontra l-appellant. Illi fil-fatt, Josephine Cachia u Anthony Muscat jghixu flimkien hekk kif ilhom jghixu flimkien ghal dawn l-ahhar madwar 15-il sena, u t-tnejn li huma ghandhom jaghtu eluf kbar lill-appellant – 'il fuq minn €33,000 – ghalhekk it-tnejn li huma kellhom x'jigwadanjaw b'dan il-frame up;

Illi barra minn hekk l-istess Prosekuzzjoni naqset milli tipprezenta b'mod konkret prova tal-griehi li soffriet l-istess parte civile. Fil-fatt ma gew prezentati l-ebda X-rays jew CT scans li jqabblu dak allegat mill-parte civile. Fin-nuqqas ta' tali prova, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghetx tasal ghal sejbien ta' htija fil-persuna tal-appellant hekk kif kkonkludiet l-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha.

Jizdied jinghad ukoll illi l-appellant jinsab ukoll perpless bil-fatt kif setghet qatt l-Ewwel Onorabbli Qorti tasal ghal htija tal-appellant semplicement fuq allegazzjoni unilaterali da parti tal-parte civile. Il-mistoqsija li kellha tindirizza l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tkun jekk kienx minnu li dak li kienet qeghda tallega l-parte civile fil-verita' sehhx u jekk tali griehi jirrizultaw, jekk setax kien l-appellant li kkaguna tali griehi.

Illi minn ezami tas-sentenza moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti, il-Qorti strahet biss dwar ir-rapporti medici, minghajr ma analizzat xejn il-fattispecje tal-kaz u jekk fil-verita' tali allegat incident sehhx jew le.

Fl-ahhar u mhux l-anqas, l-appellant ma jistax ma jissottolineax illi bejn il-partijiet jezitu lanjanzi civili u l-parte civile ghandha taghti ammonti konsiderevoli ta' flejjes lill-appellant. Dan l-incident ma huwa xejn hlief messa in scena esperita mill-parte civile sabiex tipprova b'xi mod tahrab mill-obbligi taghha fil-konfront tal-appellant. Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti emmnet ix-xhieda ta' persuni li hija debitrici fil-konfront tal-appellant u dan meta l-parte civile waslet biex ivvintat storja biex ma thallasx dak dovut minnha hekk kif ilu dovut ghal diversi snin;

Illi dwar dawn ic-cirkostanzi, l-appellant gia' ta' harsa shiha ta' dan l-akkadut kollu fin-nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata fl-atti, fosthom u mhux l-anqas il-fatt illi l-parte civile waslet sahansitra sabiex tiehu gurament falz biex tibbenefika mill-ghajnuna legali u beneficcji ohra bl-intiza li tahrab mill-gusitzzja. Dan kollu jimpingi serjament fuq il-kredibbilita' tal-istess parte civile u dan minhabba s-sensiela shiha ta' azzjonijiet svijanti taghha fl-amministrazzjoni tal-gustizzja.

Illi din l-Onorabbli Qorti tista' tosserva wkoll li meta l-appellant talab lura l-hlas dovut lilu permezz tal-ittra ufficcjali, il-parte civile kienet pronta biex cahdet dan, b'dan izda li mbaghad ftit tal-gimghat wara kienet l-istess *parte civile* u s-sieheb taghha li resqu fuq skrittura u kkostitwew ruhhom bhala debituri tal-istess appellant fil-prezenza tan-Nutar. Dan kollu meta kienu huma stess li cahdu li ghandhom jaghtu xi flejjes. Dan jidher car fid-dokumenti pprezentati fl-atti.

Illi r-realta' kollha wara dan il-kaz huwa li l-parte civile Josephine Cachia vvintat dan l-allegat incident fil-konfront tal-appellant biex tkun tista' tiggwadanja hija personalment. L-intenzjoni tal-parte civile kienet sabiex hija ttella' lill-appellant in-Nadur, tivvinta storja dwaru, tohloq glieda bejnha u bejn Anthony Muscat u wara tmur taghmel rapport l-ghassa dwar l-incident biex flejjes li ilhom dovuti ghaxar snin jibqghu ma jithallsux.

Il-*parte civile* mhux l-ewwel darba li abbuzat mis-sistema gudizzjarja inkluz ukoll permezz ta' guramenti foloz wiehed wara l-iehor. Dan meta kienet hija stess li talbet ghall-beneficcju tal-ghajnuna legali fit-12 ta' Marzu, 2018 u bil-gurament taghha ddikjarat li ma ghandhiex flus. Il-Qorti mbaghad wara li giet pprezentata c-Cedola ta' Depozitu minn Michael Grech Financial Investment Services Limited b'il fuq minn €33,000 li kienu mizmuma ghandu fl-4 ta' Marzu, 2019 kienet irrevokat l-beneficcju tal-ghajnuna legali permezz ta' digriet tas-7 ta' Marzu, 2019 liema digriet kien konfermat fis-26 ta' Gunju, 2019. Dan kollu gie anke kkonfermat mill-Avukat tal-ghajnuna legali Dr. Mario Scerri f'risposta tal-25 ta' Ottubru, 2019 fejn indika b'mod car li 'din (Josephine Cachia) ghandha flus kontanti mohbija.' Sahansitra tasal ukoll biex tqarraq bil-Malta Community Chest Fund u talbet ghajnuna fuq *washing machine* meta tali fondi ghandhom jigu indirizzati lil kazijiet aktar serji u importanti fit-28 ta' Frar, 2019. Wara dan kollu mbaghad tibdel il-versjoni taghha billi tghid li hija

ghandha flejjes li jinsabu sekwestrati minn Ganni Attard, pero' ma tistax taghmel uzu minnhom. Dan kollu jkompli juri li l-parte civile Josephine Cachia ma hix persuna kredibbli u affidabbli fix-xhieda taghha.

**Sfilz tad-dokumenti**

Illi fis-sentenza taghha l-Ewwel Onorabbli Qorti ordnat l-isfilz tad-dokumenti kollha li gew prezentati wara li dahlu n-noti ta' sottomissjoniijiet finali tal-partijiet. U dan in vista li kull prova li kellha tingab kellha tingab fil-perjodu li tipprovdi ghalih il-Ligi.

L-esponenti jissottometti li xi dokumenti gew a konoxxenza tal-esponenti wara li kienu nghalqu l-provi tad-difiza, foshom ir-riposta ta' Dottor Mario Scerri tal-25 ta' Ottubru, 2019, u ghalhekk ma setghux jingabu fi stadju aktar qabel.

Illi jinghad ukoll illi fl-ahjar interess tal-gustizzja u fi proceduri li jillimitaw il-liberta' tal-persuna, l-imputat ghandu f'kull waqt jinghata l-mezzi kollha necessarji sabiex huwa jkun jista' jiddefendi ruhu bl-ahjar mod. F'dan is-sens, id-dokumenti pprezentati mill-esponenti saru in sostenn tad-difiza tieghu kif ukoll sabiex il-Qorti tkun ben konxja tal-persuna li qed tallega fil-konfront tal-imputat. Dawn id-dokument huma importanti ghaliex jimpingu fuq il-kredibilita' tal-parte civile, aktar u aktar meta dawn huma dokumenti pprezentati minn avukati fi proceduri gudizzjarji.

Illi f'dan is-sens, l-appellant jitlob illi d-dokument hekk sfilzati mill-Ewwel Onorabbli Qorti jigu mehuda in konsiderazzjoni wkoll fit-trattazzjoni ta' dan l-appell.

Ikkunsidrat.

Illi fl-ewwel aggravju imressaq mill-appellant, huwa jikritika l-apprezzament tal-provi maghmula mill-Ewwel Qorti u dan meta ighid illi ma kien hemm l-ebda ness bejn il-feriti subiti mill-parte civile Josephine Cachia u l-agur tal-appellant. Din il-Qorti tirribadixxi illi huwa prinċipju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-

diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

Illi ezaminati ghalhekk mill-gdid il-fatti tal-kaz u mismugha x-xhieda li iddeponew quddiem l-Ewwel Qorti senjatament s-segwenti:-

**Dr Adrian Mifsud** xehed nhar it-18 ta' Mejju 2017[2] u dan kkonferma li nhar il-21 ta' Jannar 2017 kien ezamina lil Josephine Cachia fl-Isptar Mater Dei ghall-habta tat-3.15p.m. Ikkonferma li din kellha barxa superficjali fuq il-kappell ta' ghajnejha tan naha ta' isfel tal-lemin. Kellha ukoll xi ftit demm hiereg fuq l-abjad tal-ghajn il-leminija u kellha ukoll ksur tal- *inferior orbital wall*. Jghid li bhala feriti dawn kienu gravi ghax kien hemm il-ksur u biex feriti bhala dawn ifieq―u jiehdu sitt gimghat mill-inqas. Huwa esebixxa c-certifikat mediku[3] li gie markat bhala dok AM. Mistoqsi jekk tali feriti setghetx giet kawzata b'daqqa ta' ponn iwigeb li tista'. Irid ikun hemm certu pressa.

**Dr Joseph Farrugia** xehed nhar it-18 ta' Mejju, 2017 u kkonferma li nhar il-21 ta' Jannar, 2017 ghall-habta tal-11.00a.m kien invista lil Josephine Cachia gewwa l Emergenza u kienet qalet li kienet giet milquta f'ghanjnejha il-leminija. Qal li kellha *blurring of vision* skond ma qaltlu l-pazjenta. Kellha '*a very samll conjunctival haemorrage*' u xi dmija minn imnehirha. Kellha xi grif fuq idha il-leminija li kienu jidhru marki tas-snin. Wara li ezamina kien baghtha id-dar.

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

[2] Fol. 12

[3] Dok AM1 fol. 15

**Josephine Cachia** xehdet nhar it-18 ta' Mejju, 2017 u kkonfermat li nhar il-21 ta Jannar 2017 ghall-habta tal-10.15/10.30 a.m kienet diehla gol-ghalqa fi Triq ir- Ramla, in-Nadur flimkien ma habib taghha u huma u dehlin raw lill-appellant jistennihom. Huma dahlu bit-truck gol-ghalqa u ghalqu l-gate. L-appellant dahal warajhom billi rega fetha il-gate. Tghid li talabha jselfu s-somma ta' erbat elef euro ( €4,000) ghaliex kellu bzonhom biex jghamilhom bhala garanzija minhabba l-muntun. Hija wegbitu li ma kellhiex izda huwa insista li kellha. Dahlet gewwa u mar jigri warajha ta' daqqa ta' ponn u sturdiha. Qabel ma taha daqqa ta' ponn tghid li qallha "*hadd ma qatlek, jien noqtlok*" qalha ukoll " *Naf li l-karozza traqqadha barra*". Tghid li fil-mumentli giet aggredita hdejha kien hemm Anthony Muscat u fil-fatt kienu hu li akkompanjaha l-isptar. Spejgt ukoll li lil Anthony Muscat dar fuqu u qallu " Jien habib tieghek, m ghadnix x'ingerger minnek ."

Mistoqsija jekk hux minnu li ghandha taghti aktar minn tletin elf euro (€30,000) lil Anthony Muscat u li fil-fat hemm skrittura li tikkawtela dan id-debitu tghid li mhux minnu. Qalet li veru iffirmat skrittura izda mhux minnu li ghandha ittih. Tghid li kien jigri warajha u jghidilha li kien ser itiha daqqa ta' sikkina fl-istonku jekk ma tiffirmahielux. Mistoqsija jekk ghamlitx rapport tghid li le ghaliex kien jghidilha li jekk tirraporta joqtolha. Qalet li genniha u sa illum ghadha ma tistax torqod bil-lejl.

Nhar is-27 ta' Settembru, 2017 regghet xehdet u kkonfemat li d-dokument CD1 hija ir-*recording* ta' dak li intqal dak in-nhar tal-incident. Id-dokumenti JC s sa JC 6 huma ritratti li hadithom dakinhar tal-incident ukoll. Hemm ritratt tieghu jithaddet maghna waqt li kienu fit-truck, ritratt tal- gate u ritratti ta- fejn gidimha u ritratt tad-daqqa li taha f'ghajnejha

**Spettur Edel Mary Camilleri** xehdet nhar it-18 ta' Mejju 2017 u spjgat li kienet giet mghoddija diversi dokumenti inkluz kopja ta' l-okkorenza[4] in relazzjoni ma dan il-kaz mill-ispettur Bernard Spiteri li gew markati bhal dok EMC1. Esebiet ukol ll-stqarrija[5] ta' l-imputat li giet markata bhala dok EMC3 u email[6] ta' l ispettur Bernard

[4] Fol. 35
[5] Dok EMC 3 a fol. 39
[6] Dok EMC 4 a fol. 42

Spiteri dwar xi telefonata partikolari li seghet sehhet f'jum partikolari li giet markata bhala dok EMC 4. L-okkorrenza giet konfermata minn PS 715 Lucian Gatt .

**Anthony Muscat** xehed nhar is-27 ta Settembru 2017 u kkonferma li kien fir-raba flimkien ma Josepohne Cachia nhar il-21 ta Jannar 2017. Qal i kienu dehlin fl-ghalqa teighu, nizelmit-truck u fetah il-gate waqt kli John Attard l-appellant kien qed jithaddet mat-tifel ta Frankie Zimec  fit-triq. Wara dan fetah il-gate u mar jitkellem maghhom  u talab lil Josephine Cachia biex isselfu xi flus  u fil-fatt Josephine anke ittapjatu bil-mobile.  Qal li dan Attard gie irrabjat u ghal glied. Qal li fil-fatt l-appellant kien irrabjat u telaq jigri ghaliha. Jaf li gidimha fuq spallejha u anke taha daqqa ta ponn. Hadha go wiccha u tefaghha ma l-art u qabad gebla minn mal-hajt u mar beix itiha. Qallu *'x'ser taghmel Gann u dan Ganni qabad u telaq 'l barra."* Esebixxa ukoll xi rtitratti mehuda minn Josephine ta l-appellant jitkellem mieghu u tal- gate li hemm ghad- dhul fl-ghalqa tieghu. Jghid li dan kollu sehh ghall-habta tal-10.30a.m. Ikkonferma li kien akkompanjaha l-isptar Ghawdex u minn hemm baghtuha Malta Mater Dei u baqa' tielgha biha.

**Dr Robert Sciberras** xehed nhar id-9 ta' Novembru, 2017 wara li kien nominat mill-Qorti[7] biex jesamina lil Josephine Cachia u jiddiskrivi l-feriti li garbet f'dan l-incident u dan iddeskriva l-feriti li garbet izda qal li ikun ghaqli li tigi ezaminata minn Oftalmologu biex jigi verifikat jekk ghandheix xi debolezza permanenti.

**Mr Ivan Vella,** Oftalmologu nominat mill-Qorti xehed[8] nhar l-1 ta Marzu 2014 u pprezenta ir-raport tiegh i gie markat bhala dk IV1 u kkonferma li Cachia *'showed a fracture of the rigth orbital floor, with herniation of orbital fatand part of inferior rectus muscle. Initially she had dilopia. Now she has full ocular movements and n eivdence of dilopia'*

**Jonathon Mizzi** xehed u spejga li kellu inkarigu[9] biex janalizza *call profiles* ta' zewg mobile phones u fil-fatt huwa pprezenta ir-relazzjoni tieghu li giet markata bhal dok JM1.

L-**Ispettur Bernard Spiteri** jghid li nhar il-21 ta' Jannar, 2017 kien gie infurmat minn PS 715 Lucian Gatt li kien hemm argument fi Triq ir –Ramla, in -Nadur ,Ghawedex

[7] B digriet  tas-27 ta Settembru 2017 fol. 60
[8] B'digriet tal-11 ta Jannar 2018 fol. 93
[9] Digriet tal 11 ta Jannar 2018

fejn kien hemm involuta Josephine Cachia u li din sofroiet xi griehi li aktar tard gew kklasifikati bhala ta' natura gravi. Is-surgent kien infurmah li dawn il-griehi gew kagunati minn l-appellant odjern Ghalhekk fit-3 ta' Frar 2017 kien baghat ghall-appellant u dan irrilaxja stqarrija u kien cahad li kien aggredixxa lil Cachia.

L-**appellant John Attard** xehed minn jeddu u b'mod volontarju nhar is-17 ta' lulju 2018[10] u spjega li xi xnin qabel kieeu marru ghandu Josephine Cachia, Anthony Muscat u certu Carmel Bugeja u talbuh jekk kellux mghalef ghal biegh u fil-fatt kellu u ftiehmu prezz ghal kul balla tiben u bdew imorru ghalihom bit-truck Isuzu abjad. Kienu ikunu Cachia ma Tony Muscat li jmorru ghalihom. Wara ftit ta' zmien jghid li bdew jghidulu bil-problemi li kellhom ma zwieghom u xtaqu li jisseparaw Wara bdew isaqsuh jekk kellux xi flus sabiex iselfilhom u beda itihom il-flus ftit ftit kul meta imorru biex igorru it-tiben. Qal li l-flus dan Toni kien juzhom biex ihallas il-manteniment li kellu ihallas fl-ammont ta' €360 fix-xahar. Qal li Toni ghandu tlett itfal u jaf li kellu xi proprjeta u ghalhekk kien qed jissaportih sakemm ibieghha.

Wara jghid li Cachia haditlu skrittura bid-dettalji taghha dwar id-debitu taghhom. Jghid li l-kwistjoni giet fit-tul u l-avukat tieghu qallu li kien ikun ahjar jekk jibghatilhom ittra ufficcjali u baghtilhom ittra tramite Dr Kevin Mompalao u qabel ma lahqu iffirmaw l-iskrittura Cachia u Muscat wegbuh li ma kellhom jghatu xejn. Dakinhar qal li rahom dehlin fl-ghalqa u mar ikellimhom u Cachia gibditlu ritrat u qallha 'Dan ghalfejn?' Dak il-hin cemplilha it-telefon u huwa qaghad hdejn il-kabina Jghid li Muscat u Cachia bdew jilmentaw u jiggieldu u hargu mill-habina u mar bejniethom biex iferraq. Dak il-hin Cachia qabdet gebla biex tati lil Muscat biha. Imbutta lilha 'l hemm u lilu warajha. F daqqa wahda qabdet il mobile u qaltlu " Issa inthomlok il-flus" qallha " Int halliela, int halliela." U telaq 'lemm Fethet il-kancell u dahlet gewwa u hareg il-kelb. Dak il-hin jghid li bdew jiggieldu ma xulxin u Toni imbuttaha u waqghet ma l-art u huwa telaq ' l barra. Mistoqsi kif waqghet jghid li waqghet ma l-art hdejn il hajt. Huwa pprezenta kopja ta' l-iskrittura[11], u tal- ittri

[10] Fol. 132
[11] Fol. 145

ufficcjali kien ipprezenta l-Qorti fil-konfront ta' Cachia u Muscat[12], kopja tar-risposta li baghtet Cachia[13]

Rat ukoll l-istqarrija rilaxxjata mil-appellant a tempo vergine tal-investigazzjoni u innutat li fiha ta l-istess rakkont li ta l-Qorti snin wara u spjega dwar ir-relazzjoni li kien hemm bejniethom

Rat in-noti ta sottomissjonijiet tal-partijiet prezentati fl-atti u rat li l-kawza kienet giet imhollija ghas-sentenza. Jirrizulta li fl-atti gie prezentat rikors fit-12 ta Novembru 2019 meta l-kawza kienet gja differita ghas sentenza li permezz taghha pprezenta numru ta' dokumenti minghajr awtorizazzjoni tal-Qorti u u ad insaputa tal-parti l-ohra.

**Ikkunsidrat.**

Illi dwar l-aggravju tal-appellant sabiex din il-Qorti tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn ordnat l-isfilz tad- dokumenti jinghad li l-ewwel Qorti kellha ragun fid-decisjoni taghha u dan ghaliex meta kawza tkun differita ghas-sentenza ifisser li l-istadju li jmiss ikun li tinghata s-sentenza u mhux li jigi prezentat rikors *ad insaputa* tal-parti l-ohra u minghajr awtorizazzjoni tal-Qorti biex jannetti numru ta' dokumenti li ihoss ikunu utili sabiex il-Qorti tasal ghad decisjoni taghha. Din ma hiex il–manjera kif ghandhom jitresqu provi l-Qorti izda l-procedura ghandha tigi segwita f'kul stajdu taghha. Jinghad li meta kawza tinsab differita ghas sentenza kif del resto kienet din il-kawza, dokumenti u provi godda jistghu jigu esebiti bil-permess tal-Qorti biss u mhemmx dubbju li l-parti l-ohra ghandha tinghata kopja taghhom u dan sabiex din l-istess parti tkun f 'posizjoni li taghmel id-domandi taghha dwarhom jekk ikun il-kaz. F'dan il-kaz ma sarx hekk u ghalhekk l-ewwel Qorti ghamlet sewwa li iddecidiet li tordna l-isfilz taghhom u ma tiehux konjizzjoni taghhom.

Mill-provi akkweziti jidher li l-ewwel Qorti emnet il-versjoni moghtija mill-parte civile u cioe li kien l-appellant li aggredixxa lil Josephine Cachia kif korrobroata minn Toni Muscat meta qalu li l-appellant taha daqqa ta' ponn u kkagunalha il-feriti kif dskritti mit-tobba. Huwa a bazi ta' din ix-xhieda moghtija mill-parte civile kif korronroata minn Toni Muscat li l-prosekuzzjoni irnexxilha tipprova *in nexus* bejn il-feriti subiti

[12] Dok AG2 fol. 146
[13] Fol. 150

minn Cachia konsistenti f'ferita f ghajnejha kagunata bil-daqqa ta' ponn moghtija lilha mill-appellant. Jinghad pero li l-ewwel Qorti kienet marret oltre li tistrieh fuq ic-certifikati prezentati mill-parte civile izda nominat lil esperti taghha u cioe lil Dr Robert Sciberras u in segwitu lil Oftalmologu Dr Ivan Vella biex jezamina lill-parte civile u jiddiskrivi l-feriti subiti minnha u jghid jekk humiex ta' natura gravi.

Jidher li minn dawn iz-zewg relazzjonijiet ma hemm l-ebda indikazzjoni li l-feriti subiti minn Cachia kienu ta' natura gravi u dan ghaliex it- tnejn li huma jghidu li ma kien l-ebda debulizza permanenti anzi minkejja li Mr Ivan Vella jghid li kellha xi facture f ghajnejha jghid li kellha *full ocular movements*. Illi din il-Qorti ma tistax taqbad u tirrempizza id-diskrezzjoi ta' l-ewwel Qorti fuq min ghandha temmen jekk ma jirrizultalhiex li tali gudizzju maghmul minnha kien wiehed unsafe and unatisfactory. F'dan il-kaz kienet l-ewwel Qorti li ghexet il-process kollu u setghet taghmel l-esercizju skond l-artikolu 657 tal-kap 9 tal-ligijeit ta' Malta dwar kif ghandu jsir l-apprezzament ta' xhud waqt li qiegehd fuq il-pedana tax-xhieda. Ma hemmx dubbju li dan l-esercizzju l-ewwel Qorti ghamlitu u dehrilha li kellha taghti aktar kredenza lit tezi tal-prosekuzzjoni minn dik tad-difiza. Specjalment meta tara li l-appellant jghid li ghandu jiehu somma flus minghand il-kwerelanti Josephine Cachia u din min naha tghid li dan mhux minnu u f'dan il-waqt l-appellant irid jemmen li mar in Nadur biex jghin lill-kwerelanti Josephine Cachia u Toni Muscat imexxu xi kaxxa bil-hadid.!!!

Dwar kif sehh l-incident din il-Qorti tasal li taqbel ma l-ewwel Qorti li sabet lill-appellant hati talli kkaguna ferita fuq il-persuna ta' Josephine Cachia pero ma tistax tasal li taqbel ma l-ewwel Qorti dwar in-natura tal-feriti subiti u dan minhabba dak li stqarrew l-esperti nominati mill-Qorti stess. Din il-Qorti qed issib lill-appellant hati talli kkaguna ferita ta' natura hafifa u mhux dik ta natura gravi.

Dwar il-piena il-Qorti rat li dik moghtija mill-ewwel Qorti kienet wahda *de minimis* tant li iddecidiet li tapplika l-artikolu 22 tal kap 446 tal-ligijiet ta' Malta ghal perijodu ta' tnax-il xahar. F'dan il-kwadru tal-provi prodotti l-Qorti ma thossx li ghandha tvarja id- d-decisjoni tal-ewwel Qorti f'dan ir-rigward tal-piena imposta minkejja li qed issibu hati ta reat ta portta izghar minn dak misjub mill-ewwel Qorti.

Ghalhekk din il-Qorti qeda tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn iddikajrat li ma kienitx qed issib lill-appellant hati tat tieni u tat-tielet akkzua u illiberatu minnhom u

tiddikjara li qed tvarja dik il-parti tas-sentenza fejn sabitu hati tal-ewwel akkuza u cioe' talli kkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Josephine Cachia billi minnflok qed issibu hati tar- reat kompriz u involut talli kkaguna feriti ta' natura hafifa f fuq il-persuna ta' Josephine Cachia.

Tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn applikat l-artikolu 22 tal-kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta ghal perijodu ta' tnax-il xahar liema perijodu jibda jiddekorri mill illum. Tikkonferma dik il-parti tas-sentenza ukoll fejn ai termini tal-artikolu 383 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta rabtet lill-appellant b'garanzija personali ta' elfejn euro (€2,000) ghal zmien sena mill illum fil-konfront tal-kwerelanta

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur